



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 25.7.2007
KUMM(2007) 367 finali

2007/0126 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tirrevoka Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 87/372/KEE dwar il-firxiet ta' frekwenza li għandhom jiġu rriżervati għall-introduzzjoni kordinata ta' komunikazzjonijiet mobbli terrestri pubbliċi ċellulari diġitali pan-Ewropej fil-Komunità

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Din il-proposta għandha l-għan li tirrevoka d-Direttiva tal-Kunsill Nru 87/372/KEE tal-25 ta' Ġunju 1987 *dwar il-firxiet ta' frekwenza li għandhom jiġu rriżervati għall-introduzzjoni koordinata ta' komunikazzjonijiet mobbli terrestri pubbliċi ċellulari diġitali pan-Ewropej fil-Komunità* (minn hawn il-quddiem id-Direttiva GSM) sabiex tippermetti l-użu ta' meded bħal dawn minn sistemi li kapaċi jipprovdu servizzi ta' komunikazzjoni elettronika mhux limitati biss għall-GSM.

L-għan huwa li tippermetti għażla akbar ta' servizzi u teknoloġiji u b'hekk timmassimizza l-kompetizzjoni fl-użu ta' meded li sa issa kienu koperti mid-Direttiva GSM, filwaqt li tiżgura li s-servizzi jibqgħu koordinati u jipproteġu l-operazzjoni kontinwa tal-GSM. Sabiex isir dan, l-użu ta' dan l-ispektrum se jkun permess, minbarra għall-GSM, ukoll għas-servizzi pan-Ewropej ta' komunikazzjoni elettronika minbarra dawk GSM. Bħala l-ewwel pass, dan jinkludi l-UMTS. Dan jirrikjedi kundizzjonijiet armonizzati tekniċi ġodda għall-medda ta' l-ispektrum inkwistjoni li għanda tkun definita skond Deċiżjoni tal-Kummissjoni li għandha tiġi adottata abbażi tad-Deċiżjoni 676/2002/KE *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għal politika għall-ispektrum tar-radju fil-Komunità Ewropea* (minn hawn il-quddiem id-Deċiżjoni dwar l-Ispektrum tar-Radju).

- **Il-kuntest ġenerali**

Id-Direttiva GSM attwalment tirrikjedi lill-Istati Membri li jirriservaw il-meded 890-915 MHz u 935-960 MHz kollha għall-GSM. Din ir-restrizzjoni ma tħallix li l-meded jintużaw minn sistemi pan-Ewropej, jekk mhux dik tal-GSM, li kapaċi jipprovdu vuċi interoperabbli avvanzata, dejta u servizzi multimedjali b'*bandwidth* ta' portata qawwija. Dawn is-sistemi pan-Ewropej ġodda, bħas-sistemi UMTS, joffru kapaċitajiet lil hinn mis-sistemi GSM u mill-addozzjoni tad-Direttiva GSM 20 sena ilu 'l hawn saru vijabbli bis-saħħa ta' żviluppi teknoloġiċi. Barra dan, hemm suq ċar għal servizzi relatati.

Peress li l-medda tad-900 MHz koperta bid-Direttiva GSM għandha karatteristiċi ta' propagazzjoni li jippermettu kopertura ta' żoni kbar bi prezz orħos, hija aħjar biex tkopri żoni anqas popolati u rurali mill-meded ta' frekwenzi ogħla.

Revoka tad-Direttiva GSM tippermetti li tingħeleb il-limitazzjoni attwali ta' użu ta' l-ispektrum għall-GSM, iżda trid tkun kumplimentata b'miżuri tekniċi armonizzati biex tippreserva l-istatus attwali armonizzat tal-medda, u biex tiggarantixxi l-protezzjoni tas-servizzi tal-GSM li attwalment qed jużaw il-meded. B'hekk, kundizzjonijiet tekniċi li jippermettu l-koeżistenza ta' sistemi ġodda li għalihom għandha tinfetħ il-medda tad-900MHz, flimkien ma' sistemi GSM, għandhom jiġu stabbiliti legalment.

Skond il-politika ta' regolazzjoni aħjar, id-Deċiżjoni dwar l-Ispektrum tar-Radju toffri l-mezzi legali għall-addozzjoni ta' miżuri għall-armonizzazzjoni bħal dawn. Din taħseb għal mekkaniżmu li jippermetti reazzjoni veloċi b'mod relattiv għall-evoluzzjoni teknika u għall-addozzjoni fuq livell ta' EU ta' miżuri tekniċi armonizzati li jorbtu fil-forma ta' Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jipprovdu ċertezza legali għall-użu

armonizzat tal-medda.

Kif previst fl-Artikolu 4(2) tad-Deċizzjoni ta' l-Ispetrum tar-Radju, il-Kummissjoni, fil-5 ta' Lulju 2006 f'dan il-każ, ħarġet mandat għall-Konferenza Ewropea ta' l-Amministrazzjonijiet tal-Posta u tat-Telekomunikazzjoni (minn hawn 'il quddiem CEPT) li tkopri l-meded tad-900MHz (kif ukoll il-meded ta' l-1800 MHz). L-ewwelnett, is-CEPT eżaminat jekk kienx possibbli li tintroduċi l-UMTS madwar il-KE fil-meded tad-900 u 1800MHz f'żoni urbani, sub-urbani u rurali flimkien man-netwerks tal-GSM, u ddefinit kundizzjonijiet tekniċi li jiżguraw biżżejjed separazzjoni tal-carrier għal dan. Aktar kundizzjonijiet tekniċi għall-koeżistenza f'din il-medda, tal-GSM flimkien ma' sistemi oħrajn b'kapaċitajiet ta' kopertura pan-Ewropea se jiġu definiti aktar 'il quddiem peress li sistemi bħal dawn huma definiti teknikalment.

Filwaqt li l-medda tad-900 MHz qed tinftaħ għal sistemi addizzjonali, l-użu attwali tal-GSM f'dik il-medda għandu jibqa' protett fil-Komunità sakemm ikun hemm domanda raġjonevoli għas-servizz, meta wieħed iqi l-importanza kbira tas-servizzi tal-GSM għall-politika ta' komunikazzjoni elettronika fil-Komunità.

Il-Kummissjoni tikkunsidra wkoll essenzjali li l-protezzjoni xierqa tkun żgurata għall-utenti eżistenti fil-meded tal-qrib u li sistemi prospettivi għal komunikazzjoni ta' l-avjazzjoni 'l fuq minn 960 MHz, li għandha rwol importanti sabiex jintlaħqu l-għanijiet politiċi tal-KE f'dan is-settur, jitqiesu. Fil-kuntest tal-mandat, is-CEPT tat pariri tekniċi f'dan ir-rigward.

Fl-aħħar sabiex joffru flessibilità massima fl-użu tal-meded, l-Istati Membri għandhom jibqgħu liberi li jintroduċu fil-meded tad-900MHz (u 1800 MHz) fuq livell nazzjonali, sistemi addizzjonali flimkien mal-GSM u sistemi oħra terrestri rikonoxxuti li kapaċi jipprovdu servizzi ta' komunikazzjoni elettroniċi pan-Ewropej, iżda sakemm sistemi addizzjonali bħal dawn jistgħu jeżistu flimkien ma' dawn is-sistemi pan-Ewropej.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposti**

L-użu tal-meded tal-frekwenzi in kwistjoni jaqa' taħt id-Direttiva GSM li għandha tiġi rrevokata; Deċizzjoni ppreparata skond id-Deċizzjoni dwar l-Ispetrum tar-Radju u li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet il-ġodda ta' l-użu armonizzat ta' l-ispetrum għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni sabiex tidħol fis-seħħ meta d-Direttiva GSM tiġi revokata effettivament.

- **Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra ta' l-Unjoni**

Il-Politika ta' l-Ispetrum tar-Radju trid tlaħħaq mal-varjetà li qed tevolvi ta' pjattaformi ta' aċċess għar-radju għal-komunikazzjoni pubblika bla wajers u tiżgura konformità ma' l-għan politiku ġenerali li jiġi żviluppati s-suq intern ta' l-UE u l-kompetittività Ewropea, billi jiġi żgurat ambjent regolatorju innovattiv favur l-innovazzjoni li jwassal għal varjetà wiesgħa ta' servizzi u applikazzjonijiet tal-mowbajl.

Il-kisba ta' dan l-għan sħiħ jitħaddan bl-introduzzjoni ta' aktar flessibilità fil-ġestjoni tar-riżorsi ta' l-ispetrum għal-komunikazzjoni elettronika bla wajers, filwaqt li tinżamm l-armonizzazzjoni fejn meħtieġ. Il-kundizzjonijiet tekniċi l-inqas restrittivi għandhom ġeneralment japplikaw għall-użu tal-meded ta' frekwenzi, abbażi ta' l-

approċċ tal-WAPECS (*Wireless Access Policy for Electronic Communications Services*/ Politika ta' Aċċess bla Wajers għal Servizzi ta' Komunikazzjoni Elettronika) li ġie deskritt mill-Grupp ta' Politika ta' l-Ispektrum tar-Radju (minn hawn 'il quddiem l-RSPG) fl-opinjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru bħala wieħed li jistabbilixxi newtralità teknoloġika u newtralità tas-servizz bħala għanijiet tal-politika sabiex jinkiseb użu ta' l-ispektrum aktar flessibbli u effiċjenti. Dawn l-għanijiet għandhom jiġu introdotti bil-mod sabiex ma jiddisturbawx is-suq.

Il-Kummissjoni insistiet ukoll għal użu aktar flessibbli ta' l-Ispektrum fil-Komunikazzjoni tagħha "*Aċċess rapidu għall-ispektrum għal-komunikazzjoni elettronika bla wajers permezz ta' aktar flessibilità*"¹, u dwar il-bżonn ta' soluzzjoni konsistenti u proporzjonata rigward l-introduzzjoni ta' użu aktar flessibbli ta' l-ispektrum għal servizzi ta' komunikazzjoni elettroniċi fejn jidħlu t-tieni (GSM) u t-tielet ġenerazzjoni (UMTS eż.) ta' komunikazzjonijiet.

2) KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

• Konsultazzjoni tal-partijiet interessati

Metodi ta' konsultazzjoni, setturi ewlenin fil-mira u l-profil ġenerali tar-rispondenti

L-użu tal-medda tad-900MHz, l-iżvilupp tas-sistemi IMT-2000 fosthom il-UMTS u l-evoluzzjoni ta' l-użu ta' l-ispektrum lejn aktar flessibilità kienu taħt l-iskrutinju kontinwu tal-Kummissjoni.

Fil-21 ta' Frar 2006 fi Brussell, ġie organizzat *workshop* dwar il-WAPECS.

Ibbażati fuq il-Mandat tal-5 ta' Lulju 2006 mill-Kummissjoni, saru ħafna studji mis-CEPT u mill-Kumitat dwar il-Komunikazzjoni Elettronika tagħha (minn hawn 'il quddiem l-ECC) u mibgħut lill-Kumitat ta' l-Ispektrum tar-Radju (minn hawn 'il quddiem l-RSC) u lill-Kummissjoni; dawn jinkludu r-rapport 82 ta' l-ECC dwar il-kompatibilità ta' l-UMTS li joperaw fil-meded tal-GSM ta' 900 u 1800 (Mejju 2006), u r-Rapport 96 ta' l-ECC dwar il-kompatibilità bejn l-UMTS900/1800 u sistemi li joperaw fil-meded tal-qrib (Marzu 2007). Dawn ir-rapporti kienu suġġetti għal konsultazzjoni pubblika taħt il-patroċinju ta' l-ECC.

L-ECC għamel studji u adotta serje ta' rapporti mill-1997 'l hawn dwar l-implimentazzjoni ta' l-UMTS u tkixxef dwar l-użu attwali u dak tal-ġejjieni tal-medda tad-900MHz. Is-CEPT ingħaqad ma' korpi ta' Standardizzazzjoni li għandhom x'jaqsmu **mal-familja ta' standards** (fosthom l-UMTS), bħat-3 Proġett ta' Sħubija ta' Ġenerazzjoni (3GPP) li jgħaqqad il-korpi ta' standardizzazzjoni tat-telekomunikazzjoni minn reġjuni differenti (ARIB, CCSA, ETSI, ATIS, TTA, u TTC) u fejn l-industrija hija rrapreżentata biex tiżviluppa speċifikazzjonijiet ta' sistemi. Abbażi ta' din l-informazzjoni, l-ECC stħarrġet il-possibilità li ddaħħal kanali ta' l-UMTS fil-meded użati mill-GSM mingħajr tinħoloq interferenza ma' kanali tal-GSM ta' hdejjhom. L-istudji jkomplu jkopru sistemi oħra li huma parti mill-familja ITU IMT-2000.

Saru wkoll studji biex jeżaminaw l-impatti potenzjali fuq is-servizzi u s-sistemi li

¹ COM(2007) 50.

joperaw fil-meded tal-qrib. L-awtoritajiet Nazzjonali, l-Istitut Ewropew ta' l-Istandardizzazzjoni tat-Telekomunikazzjoni (ETSI), l-industrija, gruppi ta' utenti u partijiet interessati oħrajn ħadu sehem f'tim ta' proġett (PT1) ta' l-ECC, fejn l-informazzjoni dwar sistemi li jużaw il-meded ta' hdejhomm inġabret u ġiet studjata.

Ġiet organizzata konsultazzjoni pubblika mill-ECC fl-2006 qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' l-ECC, ECC/DEC/(06)13 li tirakkomanda l-ftuħ tal-meded tad-900 u tal-1800MHz għal sistemi oħra barra dawk GSM.

Sommarju tat-tweġibiet u kif tqiesu

Ir-rapporti ta' l-ECC jikkonkludu li networks UMTS jistgħu jintużaw f'żoni urbani, suburbani u rurali f'ko-eżistenza man-networks tal-GSM 900/1800 billi jużaw valuri xierqa għas-separazzjoni tal-carrier.

L-ewwel sistema ġdida li għandha tiġi introdotta fil-medda tad-900MHz hija għalhekk il-UMTS li hija rilevanti kemm minn naħa teknika kif ukoll minn naħa ta' politika tal-KE peress li għandha tippermetti aktar użu ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika pan-Ewropea, sabiex servizzi simili jew ekwivalenti fejn tidħol il-funzjonalità għandhom ikunu aċċessibbli għall-konsumaturi kollha madwar il-Komunità.

Il-konsultazzjoni pubblika magħmula mill-ECC għall-Kummissjoni dwar ir-Rapporti 82 u 96 uriet li hemm appoġġ estensiv mill-industrija tal-mowbajls għall-ftuħ tal-meded ta' frekwenzi li qabel kienu riżervati għas-sistemi GSM b'benefiċċi ċari għall-industrija u għall-konsumaturi. Xi utenti, fil-meded, ta' frekwenzi ta' hdejhomm, fil-bidu qajmu tħassib dwar interferenza possibbli, iżda dan it-tħassib ħa' ħsiebu ir-rapport, 96, rilevanti tas-CEPT u permezz tal-protezzjoni espliċita pprovduta għall-GSM bl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-ġejjieni tal-Kummissjoni li se tiegħu post id-Direttiva GSM.

• Il-ġbir u l-użu ta' l-għarfien espert

Oqsma ta' għarfien xjentifiku/espert involuti

Il-ġestjoni ta' l-ispektrum, il-komunikazzjoni elettronika tagħrif tekniku espert tas-CEPT kif ukoll ta' Korpi ta' standardizzazzjoni.

Il-metodoloġija użata

Kif maħsub minn qabel mid-Deċiżjoni dwar l-Ispektrum tar-Radju, il-Kummissjoni ħarġet mandat lis-CEPT li pproduċa rapport li l-Kummissjoni, eżaminat bl-għajruna tal-Kumitat ta' l-Ispektrum tar-Radju. Tqiesu wkoll l-opinjoni ta' l-utenti tal-meded tal-qrib. Meta wiehded iqis Artikolu 4.4 tad-Deċiżjoni ta' l-Ispektrum tar-Radju, il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll li huwa neċessarju li tiżgura li sistemi ġodda jagħtu l-protezzjoni xierqa lil sistemi eżistenti fil-meded tal-qrib, kif ukoll li eventwalment tqis sistemi ta' komunikazzjoni aeronawtiċi li joperaw 'l fuq minn 960MHz li jappoġġaw il-politika tat-trasport Ewropea.

L-organizzazzjonijiet/esperti ewlenin ikkonsultati

L-awtoritajiet Nazzjonali, l-ETSI, il-GSM u l-utenti tat-tielet ġenerazzjoni, operatori tal-komunikazzjonijiet, manifatturi u partijiet interessati oħrajn.

Sommarju tal-pariri miksuba u użati

L-eżistenza ta' riskji potenzjalment serji b'konsegwenzi irreversibbli ma ssemmiex.

Il-Kummissjoni nnutat mir-rapporti ta' l-ECC li l-użu tal-medda għall-GSM tista tinqasam ma' l-UMTS bħala sistema oħra ta' Komunikazzjoni pan-Ewropea, sabiex tikkonforma ma' l-għanijiet tal-politika tal-komunikazzjoni elettronika tal-KE.

Sabiex tintuża bl-aktar mod effiċjenti l-medda tad-900MHz, id-Direttiva GSM għandha tiġi revokata u għandu jiġi introdott pjan armonizzat ġdid b'deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Mezzi użati biex l-għarfien espert ikun disponibbli pubblikament

Ir-rapporti tas-CEPT huma disponibbli fis-sit:

<http://www.ero.dk/documentation/docs/docfiles.asp?docid=2168&wd=N>
<http://www.ero.dk/documentation/docs/docfiles.asp?docid=2201&wd=N>.

u r-Rapporti lill-RSC:

http://ec.europa.eu/information_society/policy/radio_spectrum/docs/ref_docs/rsc18_public_docs/rsc06_99_ecc_int_rep_wapecs.pdf.

• **Il-valutazzjoni ta' l-impatt**

Minħabba li l-koregolazzjoni jew regolazzjoni tagħhom stess jew ir-regolazzjoni minn naħa ta' l-awtoritajiet nazzjonali ma setgħux jirrevokaw id-Direttiva GSM biex jiżguraw introduzzjoni fil-ħin u armonizzata ta' pjan ġdid li jikkonforma ma' l-għanijiet politiċi tal-KE, hija meħtieġa Direttiva tal-Kunsill u tal-PE biex tirrevoka id-Direttiva GSM. Wara revoka bħal din, Deċiżjoni tal-Kummissjoni ppreparata skond id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni ta' l-Ispetrum tar-Radju għandha konsegwentement tiġi adottata sabiex twaqqaf miżura ġdida armonizzata maħsuba mill-Kummissjoni bl-għajjuna teknika esperta tas-CEPT, u mgħejjuna mill-RSC.

Mill-pjan il-ġdid kieku jibbenefikaw is-settur tal-komunikazzjoni elettronika u l-konsumaturi. Huwa importanti għas-suq intern li l-kundizzjonijiet għall-użu tal-medda tad-900Mhz ikunu kemm miftuħa kif ukoll armonizzati fuq livell ta' UE sabiex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni ta' servizzi pan-Ewropej u biex il-konsumaturi jingħataw kemm jista' jkun liberta għall-għażla tas-servizzi u lill-utenti ta' l-ispetrum tar-radju għażla ta' teknoloġiji. Id-disponibbiltà ta' l-ispetrum tar-radju se tikkontribwixxi fil-kisba ta' l-aġenda ta' Liżbona u l-inizjattiva i2010-*Soċjetà Ewropea ta' l-informazzjoni għat-tkabbir u l-impjieġ*² i tfittex li tutilizza il-potenzjal ta' l-ekonomija diġitali li twassal għal tkabbir, impjieġi u disponibbiltà mifruxa ta' sistemi moderni.

B'mod partikulari, il-miżura jibbenefikaw minnha iċ-ċittadini Ewropej billi tnaqqas ix-xkiel għall-użu ta' servizzi avvanzati ta' komunikazzjoni mowbajl u billi tegħleb il-qasma diġitali ġeografika. Sistemi oħra barra dawk GSM huma mistennija li jiżviluppaw u jinfirxu madwar l-Ewropa aktar malajr ġeografikament, speċjalment

²

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni COM(2005) 229 finali.

f'żoni rurali. Servizzi ta' dejta bla wajers u multimedjali ġodda u bi prestazzjoni għolja (eż. *browsing* fl-internet u TV mowbajl) jeħtieġu networks ta' aċċess bħal networks tal-mowbajl 3G li jużaw teknoloġija UMTS li toffri rati ta' trasferiment ta' dejta aħjar minn tal-GSM.

Il-miżura għandha żżid ukoll il-kwalità tas-servizzi u tbaxxi l-prezzijiet għall-konsumatur. Networks tal-mowbajl 3G huma attwalment maqbuda fi frekwenzi għoljin li joffru anqas karatteristiċi favorevoli ta' propogazzjoni mil-medda tad-900 MHz, u għalhekk joħlqu aktar spejjeż għall-użu tan-network. Barra minn hekk, l-użu ta' frekwenzi ogħla huwa inqas adattat biex jippenetra l-bini, għad-detriment tal-kwalità tas-servizz u għall-prezzijiet tal-konsumatur.

Fl-aħħarnett, għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku tas-settur billi jiffaċilita l-użu ta' servizzi avvanzati ta' komunikazzjoni bil-mowbajl. Se jiftaħ nixxigħat ġodda ta' dħul lill-operaturi u jżid id-domanda għall-apparat (infrastruttura ta-network, ġenerazzjonijiet ġodda ta' terminals).

Il-miżura għandu jkollha impatt pożittiv fuq l-ambjent peress li għandha tnaqqas in-numru ta' stazzjonijiet bażi meħtieġa permezz ta' l-użu ta' frekwenzi aktar baxxi; għandha tnaqqas ukoll ir-riskju ta' kwistjonijiet dwar lokazzjonijiet xierqa għall-istazzjonijiet bażi.

Dwar l-impatt ambjentali, il-bżonn li tiġi żgurata l-protezzjoni kontinwa tas-saħħa kontra emissjonijiet elettromanjetiċi mhux affetwat mill-miżuri proposti. Il-Kwistjoni hija koperta bid-Direttiva 2004/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 *fuq il-ħtiġijiet minimi għas-saħħa u s-sigurtà fir-rigward ta' l-espożizzjoni ta' ħaddiema għal riskji li jiġu minn aġenti fiżiċi (kampijiet elettromanjetiċi)* u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 1999/519/KE tat-12 ta' Lulju 1999 *dwar il-limitu ta' esponiment tal-pubbliku ġenerali għal kampijiet elettromanjetiċi (0 Hz to 300 GHz)*. Il-protezzjoni tas-saħħa minn tagħmir tar-radju hija żgurata bil-konformità ta' tagħmir bħal dan għar-rekwiżiti essenzjali skond id-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 *dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonnoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom* (id-Direttiva R&TTE).

Il-Kummissjoni qed iżżomm l-effetti fuq is-saħħa tal-kampijiet elettromanjetiċi taħt reviżjoni kontinwa; F'dan ir-rispett, il-Kumitat Xjentifiku tagħha dwar riskji ta' saħħa li qed johlorgu issa u oħrajn identifikati issa (SCENIHR) dan l-aħħar beda jaħdem fuq reviżjoni komprensiva ta' dejta xjentifika ġdida li qed toħroġ minn studji riċenti.

3) L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

• Sommarju ta' l-azzjoni proposta

Sabiex jiġi permess l-użu tal-meded tad-900 MHz u l-1800MHz skond il-politika u l-għanijiet tal-KE u skond id-domanda tas-suq għall-komunikazzjonijiet mowbajl, huwa propost li d-Direttiva 87/372/KEE tiġi revokata u li tiġi adottata Deċiżjoni tal-Kummissjoni skond id-Deċiżjoni dwar l-Ispetrum tar-Radju li għandha tarmonizza kundizzjonijiet ġodda dwar l-użu tal-meded ikkonċernati li jippermettu aktar servizzi ta' komunikazzjoni mowbajl avvanzati pan-Ewropej.

- **Bażi Legali**

L-Artikolu 95 tat-Trattat KE.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-KE.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba raġunijiet kif ġejj:

Ma jistax jiġi żgurat li l-użu armonizzat tal-medda tad-900 MHz li jwettaq il-bżonnijiet politiċi tal-KE, jista' jsir b'mod sodisfaċenti billi l-Istati Membri jaħdmu waħedhom u jista' jitwettaq aħjar fuq livell ta' KE permezz ta' miżuri tas-suq intern adottati taħt id-Deċiżjoni dwar l-Ispektrum tar-Radju. Madankollu l-adozzjoni ta' pjan ġdid teħtieġ revoka tad-direttiva GSM.

Ir-revoka tad-Direttiva GSM tista' ssir biss fuq livell tal-KE permezz ta' Direttiva. Il-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati ġodda għall-użu tad-900 MHz jeħtieġ jiġu adottati fuq livell ta' KE sabiex jiżguraw li l-għanijiet tal-politka tal-KE jintlaħqu fil-ħin u b'mod armonizzat.

Azzjoni tal-KE tilħaq aħjar l-għanijiet tal-proposta minħabba r-raġunijiet li ġejjin.

Ir-revoka tad-Direttiva GSM u l-adozzjoni tal-kundizzjonijiet ta' koeżistenza għall-GSM u l-UMTS permezz ta' miżura ta' armonizzazzjoni li torbot tal-KE huma meħtieġa sabiex jiżguraw l-introduzzjoni fil-ħin u armonizzata tal-kundizzjonijiet il-ġodda għall-użu ta' l-ispektrum fl-Istati Membri. Mingħajr miżura tal-KE bħal din, ma tista' tkun iggarnatita l-ebda soluzzjoni armonizzata u f'waqtha.

Id-Direttiva GSM ma tippermettix l-użu tal-medda tad-900 MHz minn sistemi oħra pan-Ewropej, bħall-UMTS, u għalhekk hija ta' xkiel għax-xogħol tas-soċjetà ta' l-informazzjoni fl-UE. L-użu armonizzat tal-medda tad-900 MHz jista' jappoġġja applikazzjonijiet oħra li jwettqu l-għanijiet politiċi attwali tal-KE.

Għaldaqstant, il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta hija skond il-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

Id-Direttiva GSM se tkun revokata u kundizzjonijiet tekniċi ġodda għall-medda tad-900 MHz se jiġu introdotti mill-Kummissjoni bl-għajnuna ta' l-RSC, filwaqt li tippreserva l-operat tas-servizzi GSM. Il-miżuri proposti huma limitati għall-medda ta' l-ispektrum rilevanti għas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika għall-applikazzjonijiet pan-Ewropej. Meta wieħed iquis l-evoluzzjoni tat-teknoloġija u l-bżonnijiet tal-konsumaturi, dawn il-medda se jibqgħu taħt analiżi sabiex sistemi addizzjonali pan-Ewropej ikunu jistgħu ukoll jiġu introdotti u jeżistu flimkien mal-GSM u l-UMTS.

Il-miżura ma tkoprix il-ħruġ mill-Istati Membri ta' drittijiet għall-użu ta' l-Ispektrum.

Fejn possibbli, l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jintroduċu sistemi addizzjonali fil-medda sakemm dawn jistgħu jeżistu flimkien mas-sistemi GSM u sistemi oħra pan-Ewropej elenkati fl-Anness – l-ewwelnett bil-UMTS – fit-territorju tagħhom kif ukoll fi Stati Membri ġirien.

Il-kundizzjonijiet tekniċi ġodda ġew elaborati bil-ħila teknika u esperta tas-CEPT u permezz ta' esperti nazzjonali mingħajr ma ħolqu piż finanzjarju u amministrattiv fuq livell ta' KE, nazzjonali, u reġjonali. Dawn se jippermettu l-offerta ta' ekonomiji ta' skala addizzjonali, koperta aħjar ta' żoni rurali kif ukoll ta' servizzi addizzjonali u aktar effettivi fil-KE għall-operaturi u għall-utenti.

- **L-għażla ta' l-istrumenti**

Strumenti proposti: Direttiva skond Artikolu 95 KE.

Mezzi oħra ma jkunux xierqa għar-raġuni(jiet) li ġejja/in.

Direttiva biss tista' tirrevoka d-Direttiva GSM li kienet adottata abbażi ta' l-Artikolu (qadim) 100 KE. Filwaqt li t-tħaddim tal-GSM li kien possibbli permezz ta' din id-Direttiva se jibqa' protett, din id-deċiżjoni se tiżgura li sistemi pan-Ewropej oħrajn, fosthom bħala l-ewwel pass l-UMTS, tista' tikkoeżisti mal-GSM fil-medda tad-900 MHz.

4) L-IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĖIT

Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-KE.

5) INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

- **Simplifikazzjoni**

Il-proposta ttipprovdi għal-regolazzjoni aħjar u simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, tal-proċeduri amministrattivi ta' l-awtoritajiet pubbliċi (UE jew nazzjonali), u tal-proċeduri amministrattivi għal partijiet privati. Id-Direttiva GSM li għandha tiġi revokata hija ta' ostaklu għall-progress teknoloġiku u tiddeprivi lill-industrija u lill-konsumaturi minn użu xieraq ta' spektrum għal servizzi ġodda avvanzati.

Ir-revoka tad-Direttiva u l-addozzjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni li tispeċifika kundizzjonijiet ta' użu ġodda jikkostitwixxu bidla ta' l-approċċ regolatorju li jaqbel ma' l-intenzjoni tad-Deċiżjoni ta' l-Ispektrum tar-Radju biex torbot ix-xogħol tekniku dwar il-ġestjoni ta' l-ispektrum fuq il-livell ta' implimentazzjoni ta' miżuri li jħollu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill minn kunsiderazzjonijiet tekniċi dettaljati.

L-armonizzazzjoni ta' l-ispektrum tħaffef ix-xogħol u tilħaq l-aspettattivi ta' l-awtoritajiet nazzjonali.

Il-kundizzjonijiet ta' l-użu ta' spektrum armonizzat se jiftaħ opportunitajiet ġodda għall-operaturi tal-komunikazzjonijiet tal-mowbajl u għall-utenti tal-mowbajls, b'mod partikulari f'żoni rurali.

Il-proposta hija inkluża fil-programm li għaddej tal-Kummissjoni għall-aġġornament u s-simplifikazzjoni ta' l-acquis communautaire.

- **Ir-revoka ta' leġislazzjoni eżistenti**

L-adozzjoni tal-proposta se twassal għar-revoka tal-leġislazzjoni eżistenti.

- **Iż-Żona Ekonomika Ewropea**

Din il-proposta tolqot kwistjoni rilevanti għaż-ŻEE, u għalhekk għandha testendi għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tirrevoka Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 87/372/KEE dwar il-firxiet ta' frekwenza li għandhom jiġu rriżervati għall-introduzzjoni kordinata ta' komunikazzjonijiet mobbli terrestri pubbliċi ċellulari diġitali pan-Ewropej fil-Komunità

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni³,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali⁴,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat tar-Reġjuni⁵,

Filwaqt li jaġixxi bi qbil mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat⁶,

Billi:

- (1) Il-meded ta' frekwenzi 890-915 u 935-960 MHz (il -medda 900 MHz) kienu riservati u kellhom jiġu okkupati mis-servizz pan-Ewropew ta' komunikazzjonijiet mobbli pubbliċi ċellulari diġitali, provdut f'kull Stat Membru għal speċifikazzjoni komuni, identifikata bid-Direttiva tal-Kunsill 87/372/KEE tal-25 ta' Ġunju 1987 dwar il-meded ta' frekwenzi li għandhom jiġu rriżervati għall-introduzzjoni koordinata ta' komunikazzjonijiet mobbli terrestri pubbliċi ċellulari diġitali pan-Ewropej fil-Komunità⁷, ikkumplementata mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 1987 għall-introduzzjoni kordinata ta' komunikazzjonijiet mobbli terrestri pubbliċi ċellulari diġitali pan-Ewropej fil-Komunità⁸ u bir-Risoluzzjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru 1990 dwar l-istadju finali ta' l-introduzzjoni koordinata ta' komunikazzjonijiet mobbli terrestri pubbliċi ċellulari diġitali pan-Ewropej fil-Komunità (GSM)⁹.

³ ĠU C , , p.

⁴ ĠU C , , p. .

⁵ ĠU C , , p. .

⁶ ĠU C , , p. .

⁷ ĠU L 196, 17.7.1987, p. 85.

⁸ ĠU L 196, 17.7.1987, p. 81.

⁹ ĠU C 329, 31.12.1990, p. 25.

- (2) Għall-kontribuzzjoni għall-għanijiet ta' l-inizjattiva i2010 "Soċjetà Ewropea ta' l-informazzjoni għat-tkabbir u l-impjiegi"¹⁰ u għas-suq intern u biex timmassimizza l-kompetizzjoni, l-użu tal-medda tad-900 Mhz għandu jkun miftuħ għal kemm jista' jkun teknoloġiji addizzjonali sakemm tibqa' koordinata sabiex tinroduci servizzi pan-Ewropej kompatibbli filwaqt li tippermetti l-utenti kemm jista' jkun libertà fl-għażla tas-servizzi u tat-teknoloġiji possibbli.
- (3) Żviluppi tas-suq wasslu għal appoġġ ġenerali mill-industrija għat-tneħħija tar-riżervazzjoni tal-medda tad-900 MHz għall-GSM, sabiex teknoloġiji diġitali ġodda li kapaċi jipprovdu servizzi innovattivi pan-Ewropej u li jikkoeżistu mal-GSM ikunu jistgħu jitħaddmu fil-meded ta' frekwenzi 890-915 u 935-960 MHz . Dawn il-meded joffru karatteristiċi ta' propogazzjoni, li jippermettu l-kopertura ta' distanzi itwal minn dawk ta' meded ta' frekwenzi ogħla, bl-effett li servizzi ġodda ta' vuċi, dejta u *multimedia* jistgħu jiġu trasportati f'żoni anqas popolati u rurali.
- (4) Id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispektrum tar-radju fil-Komunità Ewropea (id-Deċiżjoni dwar l-Ispektrum tar-Radju)¹¹ stabbiliet politika tal-Kummissjoni u qafas legali sabiex tiżgura koordinament għall-approċċi politiċi u, fejn xieraq, kundizzjonijiet armonizzati fejn jidħlu d-disponibbiltà u l-effiċjenza ta' l-użu tal-medda ta' l-ispektrum tar-radju neċessarji għat-twaqqif u l-funzjonamnet tas-suq intern. Dik id-Deċiżjoni tippermetti l-Kummissjoni li tadotta miżuri tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tiżgura kundizzjonijiet armonizzati għad-disponibbiltà u l-użu effiċjenti ta' l-ispektrum tar-radju.
- (5) Skond il-prinċipji u l-għanijiet tad-Deċiżjoni ta' l-Ispektrum tar-Radju, il-Kummissjoni ħarġet għall-Konferenza Ewropea ta' l-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjoni (minn hawn 'il quddiem is-CEPT) mandat inizjali sabiex tiżviluppa l-anqas kundizzjonijiet tekniċi restrittivi għall-meded ta' frekwenzi fosthom fil-medda tad-900MHz.
- (6) Skond il-mandat li nġhatat, is-CEPT ħarġet kundizzjonijiet tekniċi għall-koeżistenza ta' l-UMTS fid-900 MHz mal-GSM li jopera fl-istess medda, ibbażati fuq il-prinċipju, li peress li l-medda tad-900 MHz ġiet allokata għal u hija użata ħafna minn sistemi GSM fil-Komunità, koeżistenza bħal din għandha tiżgura kompatibbiltà sħiħa bejn il-GSM u l-UMTS biex tipproteġi l-użu attwali tal-medda tad-900 MHz mill-GSM madwar il-Komunità kollha sakemm hemm domanda.
- (7) Sabiex titneħħa r-riżervazzjoni tal-medda tad-900 MHz għall-GSM sabiex ikunu jistgħu jitħaddmu teknoloġiji diġitali ġodda f'dik il-medda f'koeżistenza mas-sistemi tal-GSM, id-Direttiva 87/372/KEE għandha tiġi rrevokata.

¹⁰ Kommunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni COM(2005) 229 finali.

¹¹ ĠU L 108, 24.4.2002, p.1.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 87/372/KEE hija rrevokata b'seħħ mill- ...

Artikolu 2

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*